RIŻOLUZZJONI (UE) 2023/1840 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-10 ta' Mejju 2023

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021, Taqsima X — Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2021, Taqsima X — Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Barranin,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0088/2023),

A. billi s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) huwa responsabbli għall-ġestjoni tal-infiq amministrattiv tal-Kwartieri Ġenerali (HQ) tiegħu fi Brussell u għan-network tal-144 delegazzjoni u uffiċċju tal-Unjoni;

B. billi r-responsabbiltà tas-SEAE ġiet estiża biex tkopri l-ġestjoni amministrattiva tal-persunal tal-Kummissjoni fid-delegazzjonijiet permezz ta' sensiela ta' Ftehimiet dwar il-Livell ta' Servizz (FLS);

C. billi r-rwol tad-delegazzjonijiet huwa li jirrappreżentaw lill-Unjoni u liċ-ċittadini tagħha madwar id-dinja billi jibnu networks u sħubijiet, u li jippromwovu l-valuri u l-interessi tal-Unjoni;

D. billi l-pekuljarità tas-SEAE tibqa' fin-natura u l-oriġini tagħha, kif kienet meta ġiet iffurmata bl-amalgamazzjoni ta' persunal li jappartjeni għal dawk li kienu d-dipartimenti tar-relazzjonijiet esterni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, li fihom ġew integrati d-diplomatiċi mill-Istati Membri;

E. billi skont ir-Regoli Interni tas-SEAE, is-Segretarju Ġenerali tas-SEAE jaġixxi bħala uffiċjal awtorizzanti b'delega għall-istituzzjoni u d-Direttur Ġenerali għall-Ġestjoni tar-Riżorsi għandu r-rwol ta' uffiċjal awtorizzanti b'sottodelega prinċipali;

F. billi l-implimentazzjoni tal-baġit hija regolata mir-Regolament Finanzjarju u mir-Regoli Interni ta' Implimentazzjoni tal-Baġit tas-SEAE;

1. Jinnota li l-baġit tas-SEAE jaqa' taħt l-intestatura 7 tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP), "Amministrazzjoni pubblika Ewropea", li fl-2021 kienet tammonta għal total ta' EUR 10,7 biljun; jinnota li l-baġit tas-SEAE (pagamenti, inklużi kontribuzzjonijiet mill-Kummissjoni) jirrappreżenta madwar 9 % tal-baġit amministrattiv totali taħt l-intestatura 7 tal-QFP;

2. Jinnota li l-Qorti Ewropea tal-Awdituri (il-"Qorti"), fir-Rapport Annwali tagħha għas-sena finanzjarja 2021, żiedet il-kampjun ta' tranżazzjonijiet fl-ambitu tal-"Amministrazzjoni" minn 48 fl-2020 għal 60 fl-2021;

3. Jinnota li l-Qorti ssemmi li mill-ħidma tagħha li wettqet fuq ħafna snin jirriżulta li kumplessivament dan l-infiq huwa ta' riskju baxx; madankollu, jistieden lill-Qorti biex fir-rapporti annwali li jmiss tinkludi *data* aktar komprensiva rigward it-tlestija tar-rekwiżiti kollha meħtieġa għal proċedura ta' kwittanza konsistenti;

4. Jinnota li l-Qorti ssemmi li sabet żewġ żbalji kwantifikabbli fil-pagamenti li saru mis-SEAE — wieħed kien jikkonċerna n-nuqqas ta' kuntratt sottostanti għas-servizzi miksuba minn Delegazzjoni tal-Unjoni u l-ieħor kien relatat mal-allowances imħallsa lil membru tal-persunal li ma kienx iddikjara bidliet reċenti fis-sitwazzjoni personali tiegħu;

5. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Qorti tinnota wkoll li ma sabet l-ebda kwistjoni sinifikanti bis-sistemi ta' sorveljanza u ta' kontroll li hija eżaminat fis-SEAE;

6. Jinnota, barra minn hekk, li fl-2015, il-Qorti sabet dgħufijiet sinifikanti relatati mal-proċeduri ta' akkwist u ta' reklutaġġ organizzati mid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni; jinnota li, fl-2021, il-Qorti tat segwitu għal dawn l-osservazzjonijiet billi eżaminat kampjun ta' għaxar proċeduri ta' akkwist u tmien proċeduri ta' reklutaġġ lokali organizzati mid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni; jinnota li, fl-2019, is-SEAE għamel titjib fil-proċess ta' akkwist permezz tas-simplifikazzjoni u tal-modernizzazzjoni tal-proċeduri ta' ħidma fid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni, iċ-ċentralizzazzjoni ta' xi proċessi fil-kwartieri ġenerali, il-ħolqien ta' mudelli ġodda għad-dokumentazzjoni tal-akkwist u li rreveda r-regoli u l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-impjieg ta' aġenti lokali fid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni, kif ukoll wettaq kontrolli *ex ante* qabel ir-reklutaġġ tagħhom; fl-aħħar nett, jinnota bi tħassib li l-Qorti f'ħamsa mill-għaxar proċeduri ta' akkwist eżaminati sabet xi nuqqasijiet fil-mod li bih id-Delegazzjonijiet tal-Unjoni applikaw ir-regoli dwar l-akkwist pubbliku u sabet xi dgħufijiet fit-tmien proċeduri kollha ta' reklutaġġ għall-aġenti lokali; jistieden lis-SEAE jieħu azzjoni biex isolvi l-problemi li jwasslu għal żbalji identifikati fil-qasam tal-akkwist u biex jipprevjeni l-ksur tar-regoli rilevanti fil-futur;

7. Iħeġġeġ bil-qawwa lis-SEAE jieħu miżuri xierqa, bħat-tisħiħ tat-taħriġ u t-titjib fil-linji gwida u l-mudelli għad-dokumentazzjoni tal-akkwist, sabiex jitnaqqas l-għadd ta' żbalji fir-rigward tal-proċeduri ta' akkwist u ta' reklutaġġ organizzati mid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni u jirrapporta lill-awtoritajiet ta' kwittanza dwar il-miżuri meħuda;

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

8. Jinnota li, fl-2021, il-baġit għas-SEAE kien ta' EUR 767 626 000, li jirrappreżenta żieda ta' 5,0 % meta mqabbel mal-2020, li hija simili għaż-żieda ta' 5,2 % għall-2020 meta mqabbla mal-2019; josserva li, minbarra l-baġit tiegħu stess, is-SEAE ddispona wkoll minn ammont ta' EUR 211 200 000 (inkluż dħul assenjat u ammonti riportati) mill-Kummissjoni biex ikopri l-ispejjeż amministrattivi tal-persunal tal-Kummissjoni li jaħdem fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni; jinnota li, apparti ammonti oħra, is-SEAE rċieva wkoll kontribuzzjonijiet biex ikopru l-ispejjeż komuni tal-persunal tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp fid-Delegazzjonijiet, u dan wassal biex l-ammonti baġitarji totali (approprjazzjonijiet ta' impenn) ġestiti mis-SEAE jilħaq il-EUR 1 091,1 miljun;

9. Jinnota li, fl-2021, ġie eżegwit 99,4 % tal-baġit finali tas-SEAE fir-rigward tal-impenji, li huwa ogħla mir-rata ta' eżekuzzjoni ta' 95,0 % li ġiet irreġistrat fl-2020; jinnota li fir-rigward tal-pagamenti, ġie eżegwit 84,5 % tal-baġit għall-2021, livell kemxejn ogħla mill-2020, sena li fiha ġie eżegwit 82,3 %;

10. Jinnota li l-baġit finali għall-kwartieri ġenerali tas-SEAE, wara t-trasferimenti, ammonta għal EUR 295 miljun li minnhom ġew eżegwiti EUR 290,5 miljun, ekwivalenti għal 98,5 %; jinnota li, fir-rigward tal-pagamenti, ġew eżegwiti EUR 238,3 miljun, ekwivalenti għal 80,8 %;

11. Jinnota li l-baġit finali għad-delegazzjonijiet tas-SEAE, wara t-trasferimenti, ammonta għal EUR 472,6 miljun li minnhom ġew eżegwiti EUR 472,4 miljun, ekwivalenti għal 99,9 %; jinnota li, fir-rigward tal-pagamenti, ġew eżegwiti EUR 410,1 miljun, ekwivalenti għal 86,8 %;

12. Jinnota li minħabba l-pandemija tal-COVID-19, il-baġit għall-IT żdied matul l-2021, filwaqt li l-baġit ta' diversi partiti, inklużi s-salarji, tnaqqas; jinnota li s-SEAE informa lill-awtorità baġitarja dwar tliet trasferimenti matul l-2021, li tnejn minnhom saru biex jiġi indirizzat l-infiq addizzjonali kkawżat mill-pandemija tal-COVID-19 u mir-rikonċiljazzjoni ta' tmiem is-sena;

13. Jinnota li s-SEAE kellu 131 352 pagament fl-2021, li minnhom 115 060, ekwivalenti għal 87,6 %, tħallsu fil-limitu ta' żmien; jinnota wkoll li ż-żmien medju tal-ħlas nett kien ta' 18-il jum u li l-perċentwal tal-fatturazzjoni elettronika kien ta' 24 %;

14. Jinnota b'sodisfazzjon li s-SEAE ffirma għadd sinifikanti ta' Ftehimiet dwar il-Livell ta' Servizz primarjament mal-Kummissjoni iżda wkoll ma' istituzzjonijiet oħra li jkopru aktar minn 70 servizz differenti pprovduti minn 16-il entità; jinnota barra minn hekk li l-kontabilista tal-Kummissjoni (id-Direttorat Ġenerali għall-Baġit) għadu jaħdem bħala l-kontabilista għas-SEAE iżda li s-SEAE żied il-kapaċità tiegħu li jittratta xi funzjonijiet kontabilistiċi u anke l-funzjonijiet kontabilistiċi tad-delegazzjonijiet;

15. Jinnota b'sodisfazzjon li l-għadd ta' ftehimiet ta' kolokazzjoni li fihom l-Istati Membri u entitajiet oħra tal-Unjoni jillokalizzaw il-persunal tagħhom fid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni qed ikompli jiżdied u laħaq il-115-il ftehim fis-67 Delegazzjoni tal-Unjoni b'total ta' 36 sieħeb;

Ġestjoni interna, prestazzjoni u kontroll intern

16. Jinnota li, fl-2021, is-SEAE implimenta l-akbar riorganizzazzjoni tas-servizz tiegħu minn mindu nħoloq fl-2011, u stabbilixxa sitt dipartimenti ġeografiċi kbar u Uffiċċju tas-Segretarju Ġenerali sabiex jirrifletti aħjar is-sitwazzjoni ġeopolitika attwali; jinnota li nħoloq ukoll Direttorat ġdid għall-Komunikazzjoni Strateġika u l-Prospettiva billi ngħaqdu żewġ Taqsimiet tal-Komunikazzjonijiet Strateġiċi u d-Diviżjoni tal-Ippjanar ta' Politika u tal-Prospettiva Strateġika sabiex tiġi indirizzata aħjar id-diżinformazzjoni;

17. Jinnota li matul l-2021 il-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-SEAE komplew jiġu affettwati bil-kbir mill-pandemija tal-COVID-19; jinnota li, b'mod partikolari, sar iffrankar fuq is-salarji minħabba proċeduri ta' reklutaġġ aktar bil-mod u fuq missjonijiet, laqgħat, konferenzi eċċ; jinnota li l-pandemija ħolqot ukoll possibbiltajiet ta' tixrid tad-diżinformazzjoni u manipulazzjoni u interferenza barranin u għalhekk, żiedet mal-isfidi tas-SEAE;

18. Jinnota li, fl-2021, is-SEAE ffaċċja diversi kriżijiet ta' sigurtà fl-Afganistan, fis-Saħel u fl-Etjopja u li f'dawn il-kriżijiet kien pjuttost tard biex jinforma u jirreaġixxi għall-bidliet fil-prattika, u dan wassal għal evakwazzjonijiet rapidi tal-persunal tal-Unjoni;

19. Jinnota b'sodisfazzjon li l-ebda Delegazzjoni tal-Unjoni ma ppreżentat riżervi fl-2021;

20. Jinnota li aspetti differenti tal-ħidma tas-SEAE qed jiġu awditjati mill-Awditur Intern tiegħu, mis-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni u mill-Qorti tal-Awdituri; jinnota li filwaqt li huwa importanti li jiġu żgurati kontrolli u awditi bir-reqqa, huwa daqstant importanti li jiġi evitat ix-xogħol doppju;

21. Jinnota b'sodisfazzjon li s-Servizz tal-Awditjar Intern tal-Kummissjoni fir-"Rapport Annwali dwar l-awditi interni mwettqa fl-2021" tiegħu, li jikkonċerna tliet awditi preċedenti relatati mal-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u s-SEAE, ikkonkluda li r-rakkomandazzjonijiet kollha kienu ġew implimentati;

22. Jinnota li d-Diviżjoni tal-Awditjar Intern (IAD) tas-SEAE, fil-pjan tagħha għall-perjodu 2018-2021, iffukat primarjament fuq l-infiq tal-persunal, li jirrappreżenta aktar minn 50 % tal-infiq tas-SEAE; jinnota li l-pjan tal-IAD għall-perjodu 2022-2024 se jiffoka fuq oqsma oħra li qabel ma kinux koperti bħal pereżempju s-sigurtà, l-infrastruttura u l-IT; jistieden lis-SEAE jinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar ir-riżultati ta' dan l-awditu intern;

23. Jinnota b'sodisfazzjon li t-tranżazzjonijiet finanzjarji kollha tal-baġit tas-SEAE rreġistrati matul is-sena baġitarja 2021 huma kkontrollati permezz ta' kampjuni stratifikati aleatorji bl-użu ta' metodoloġija simili għal dik użata mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri;

Riżorsi umani, ugwaljanza u benesseri tal-persunal

24. Jinnota li, fi tmiem l-2021, kien hemm 5 072 membru tal-persunal impjegati mis-SEAE li minnhom 2 303 (45,4 %) ħadmu fil-Kwartieri Ġenerali tas-SEAE u 2 769 (54,6 %) ħadmu fid-Delegazzjonijiet u fl-Uffiċċji tal-Unjoni madwar id-dinja; jinnota li dan jirrappreżenta żieda sinifikanti ta' 9,2 % minn 4 643 membru tal-persunal fl-2020 li minnhom 2 286 ħadmu fil-Kwartieri Ġenerali tas-SEAE u 2 357 ħadmu fid-Delegazzjonijiet u fl-uffiċċji; jinnota li l-biċċa l-kbira taż-żiediet seħħet fid-Delegazzjonijiet u fl-Uffiċċji fejn aktar minn 450 pożizzjoni ta' aġent lokali ġew trasferiti mill-Kummissjoni għall-baġit tas-SEAE; jinnota fl-aħħar nett li s-SEAE rċieva 47 ekwivalenti full-time addizzjonali fl-2021 mill-Awtorità Baġitarja;

25. Jinnota li, fi tmiem l-2021, il-persunal kien magħmul minn 1 706 uffiċjali u aġenti temporanji, 1 543 aġent lokali, 567 aġent kuntrattwali, 467 espert nazzjonali sekondat, 43 professjonist subaltern fid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni u 746 membru tal-persunal estern ieħor u trainee; jinnota fl-aħħar nett li barra minn hekk kien hemm 3 327 membru tal-persunal tal-Kummissjoni impjegati fid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni;

26. Jinnota li, fl-2021, in-nisa kienu jirrappreżentaw 46,7 % tal-persunal tas-SEAE, bi tnaqqis żgħir minn 48,7 % fl-aħħar tal-2020; jinnota madankollu li n-nisa rrappreżentaw 37,4 % tal-pożizzjonijiet AD, li hija żieda minn 37,3 % fl-2020; jinnota b'sodisfazzjon li kien hemm żieda relattiva fl-għadd ta' nisa fil-pożizzjonijiet maniġerjali kollha, fejn l-għadd ta' nisa f'karigi ta' maniġment intermedju żdied minn 32,7 % fl-2020 għal 35,4 % fl-2021 u l-għadd ta' nisa f'karigi tal-maniġment superjuri żdied minn 25,5 % għal 26,3 % u l-għadd ta' nisa bħala kap tad-delegazzjoni żdied minn 27,1 % għal 29,4 %; iħeġġeġ lis-SEAE jmexxi bl-eżempju biex iżid l-għadd ta' nisa bħala kap tad-delegazzjonijiet u biex jinvolvi ruħu f'diplomazija femminista, speċjalment f'pajjiżi terzi bi standards aktar baxxi rigward l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, bil-għan li jiġu promossi d-drittijiet tan-nisa u l-governanza inklużiva;

27. Jilqa' l-fatt li s-SEAE ħatar Ambaxxatur għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u d-Diversità biex iqajjem kuxjenza u kunsiderazzjoni fid-diplomazija, fid-djalogu politiku u fid-deċiżjonijiet ta' politika; jilqa' wkoll il-fatt li s-SEAE, bħala parti mill-istrateġija #NoWomanNoEUDiplomacy, qed jiftaħ programmi ta' mentoraġġ għan-nisa fi gradi AST u AD aktar baxxi sabiex joffrilhom perkors ta' karriera għal pożizzjonijiet aktar għoljin; jistieden lis-SEAE jkompli jiffoka fuq l-iżgurar tal-bilanċ bejn il-ġeneri tal-persunal u tal-ġestjoni u jirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar inizjattivi u progress fil-ksib ta' dan il-bilanċ;

28. Jitlob li jkun hemm strateġiji effettivi ta' taħriġ dwar il-kwistjonijiet tal-ġeneru fi ħdan is-SEAE; jenfasizza l-importanza tal-investiment fir-riżorsi u fl-għarfien espert biex jiġu żviluppati strateġiji ta' taħriġ u edukazzjoni ċċentrati fuq l-applikazzjoni ta' approċċ bbażat fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri għall-politiki u l-programmi internazzjonali sabiex tinkiseb bidla kulturali ġenwina fi ħdan is-SEAE; jispeċifika li għandha tingħata attenzjoni partikolari għall-inkorporazzjoni tal-mekkaniżmi għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri, għall-indirizzar tal-ibbaġitjar skont il-ġeneru, għall-valutazzjonijiet tal-impatt tal-ġeneru u għall-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru; jissuġġerixxi li jiġi adottat programm ta' taħriġ komprensiv għall-implimentazzjoni adegwata tal-GAP III fil-livelli kollha tas-SEAE;

29. Jinnota b'sodisfazzjon li l-Istati Membri kollha huma rrappreżentati fil-persunal u li speċjalment l-għadd relattiv ta' membri tal-persunal mill-Istati Membri li ngħaqdu fl-2004 jew aktar tard (EU13) żdied u żgura distribuzzjoni aktar raġonevoli fil-persunal ġenerali; madankollu, jisħaq li għad hemm żbilanċi għoljin fil-livell maniġerjali minkejja talbiet ripetuti mill-Parlament Ewropew biex tiġi indirizzata din il-kwistjoni; jinsab imħasseb dwar il-fatt li 24 Stat Membru biss huma rrappreżentati fost l-Ambaxxaturi tas-SEAE u li d-distribuzzjoni hija aktar inugwali u li l-ħames Stati Membri li għandhom il-biċċa l-kbira tal-ambaxxaturi (Franza 19, il-Ġermanja 18, Spanja 17, l-Italja 16 u l-Belġju 12) għandhom 82 pożizzjoni minn 135, ekwivalenti għal 61 %; jissottolinja t-tħassib tiegħu dwar l-iżbilanċ ġeografiku rigward il-pożizzjoni tal-Kapijiet ta' Delegazzjoni u jtenni t-talba tiegħu lis-SEAE biex ikompli jtejjeb ir-rappreżentanza tal-bilanċ ġeografiku sabiex ikun hemm rappreżentanza xierqa taċ-ċittadini mill-Istati Membri kollha;

30. Jissottolinja li l-Istati Membri tal-UE13 jinkludu madwar 23 % tal-popolazzjoni tal-Unjoni; jinnota li l-għadd ta' maniġers intermedji mill-Istati Membri tal-EU13 żdied minn 13,8 % fl-2020 għal 16,2 % fl-2021, l-għadd ta' maniġers superjuri minn dawk il-pajjiżi żdied minn 7,3 % għal 8,9 % u l-għadd ta' ambaxxaturi minn dawn il-pajjiżi żdied minn 14,1 % fl-2020 għal 18 % fl-2021; jisħaq li s-SEAE, bħall-istituzzjonijiet kollha tal-Unjoni, jeħtieġlu jiżgura li l-Istati Membri kollha jkunu proporzjonalment irrappreżentati filwaqt li fl-istess ħin jiġu rrispettati l-kompetenzi u l-merti tal-kandidati; iħeġġeġ lis-SEAE jiżgura l-bilanċ ġeografiku sabiex ikun hemm rappreżentanza xierqa taċ-ċittadini mill-Istati Membri kollha, li tirrifletti d-diversità tagħhom, kif indikat fl-Artikolu 27 tar-Regolamenti tal-Persunal tal-Uffiċjali; itenni t-talba tiegħu lis-SEAE biex ikompli jinteraġixxi mal-Istati Membri biex jippromwovi l-pożizzjonijiet tiegħu fost in-networks diplomatiċi nazzjonali u l-akkademja;

31. Jinnota bi tħassib li, fl-2021, 15-il pożizzjoni ta' maniġment intermedju u ħames pożizzjonijiet ta' maniġment superjuri fil-Kwartieri Ġenerali tas-SEAE u ħames pożizzjonijiet ta' maniġment intermedju fid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni kienu vakanti għal perjodu medju ta' tliet xhur u li 15-il membru tal-persunal aġixxew f'pożizzjonijiet maniġerjali għat-tul ta' żmien li dawn kienu vakanti; iħeġġeġ lis-SEAE jippromwovi aħjar il-pożizzjonijiet vakanti u l-opportunitajiet ta' karriera tiegħu u jesplora modi biex itejjeb ir-reklutaġġ tal-persunal;

32. Jinnota li s-SEAE kompla jimplimenta r-riforma tal-kundizzjonijiet għall-aġenti lokali u li 62 % tal-aġenti lokali ngħaqdu mar-riforma, li flimkien ma' reklutaġġi ġodda wara l-1 ta' Ġunju 2020, jimplika li aktar minn 66 % tal-aġenti lokali kienu koperti mir-regoli l-ġodda sal-31 ta' Marzu 2022; jistieden lis-SEAE jsaħħaħ it-taħriġ u l-gwida dwar il-proċeduri ta' reklutaġġ tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni għall-aġenti lokali biex jiżgura l-konformità mal-prinċipji tat-trasparenza u tat-trattament ugwali;

33. Jinnota li l-persunal tas-SEAE huwa awtorizzat jagħmel telexogħol sa tlett ijiem fil-ġimgħa fil-Kwartieri Ġenerali tas-SEAE u jum fid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni; jinnota b'sodisfazzjon li s-SEAE jippermetti kemm lill-persunal fil-Kwartieri Ġenerali kif ukoll lill-persunal espatrijat fid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni jagħmlu telexogħol għal 10 ijiem minn barra l-post tax-xogħol, li jista' jiżdied f'sitwazzjonijiet speċifiċi sabiex jappoġġja lill-kollegi li jiffaċċjaw sitwazzjonijiet kumplessi tal-familja;

34. Jinnota li, fl-2021, l-għadd ta' persuni li kienu assenti minħabba mard żdied b'9,3 %, filwaqt li l-għadd ta' jiem ta' assenza minħabba mard żdied b'36 %; iqis li din hija żieda relattivament kbira u jistieden lis-SEAE jinvestiga aktar jekk ikun hemm xi ħaġa li tista' ssir f'termini ta' titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol fiżiku u mentali biex jiġi żgurat li s-sitwazzjoni titjieb fis-snin li ġejjin; jistieden lis-SEAE jieħu l-miżuri meħtieġa biex itaffi r-riskju ta' eżawriment u jiżgura l-benesseri tal-persunal tiegħu;

35. Jinnota li s-SEAE ma jżommx *data* dwar id-diżabilità tal-persunal iżda li fi stħarriġ indirizzat lill-persunal kollu fil-Kwartieri Ġenerali tas-SEAE u fid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni, 24 minn 1 075 tweġiba mill-membri tal-persunal iddikjaraw diżabilità permanenti filwaqt li 23 iddikjaraw diżabilità għal żmien qasir jew temporanju; jinnota barra minn hekk li s-SEAE talab lid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni jipprovdu informazzjoni dwar l-adegwatezza u l-aċċessibbiltà tal-bini u tal-belt fejn jinsab, li trid titqies bħala l-ewwel pass biex ikun jista' jintbagħat ukoll persunal b'diżabilità lid-Delegazzjonijiet; jistieden lis-SEAE jkompli jirrapporta dwar il-progress li sar lejn l-integrazzjoni tal-persuni b'diżabilità fis-servizz;

36. Jilqa' l-programmi differenti ta' sekondar u skambju tas-SEAE mal-Istati Membri, ma' pajjiżi terzi, ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, u ma' istituzzjonijiet tal-Unjoni, inkluż mal-Parlament Ewropew; jilqa' b'mod speċjali l-fatt li minħabba t-titjib tas-sitwazzjoni kkawżata mill-pandemija tal-COVID-19, minn Novembru 2021 kien possibbli li jitkompla l-programm bejn is-SEAE u l-Parlament;

37. Jilqa' l-fatt li s-SEAE jieħu għadd relattivament kbir ta' trainees kemm fil-Kwartieri Ġenerali kif ukoll fid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni — 461 trainee b'kollox — u b'hekk jagħti lil ħafna żgħażagħ l-opportunità li jesperjenzaw xogħol f'istituzzjoni tal-Unjoni; jinnota barra minn hekk li t-trainees kollha fil-Kwartieri Ġenerali qed jingħataw għotja ta' kull xahar, filwaqt li l-biċċa l-kbira tat-trainees fid-Delegazzjonijiet (96 %) ħallsu mis-SEAE jew minn istituzzjonijiet oħra; jistieden lis-SEAE jieħu l-passi xierqa biex jiżgura li t-trainees kollha tiegħu jirċievu remunerazzjoni deċenti;

38. Iħeġġeġ il-fatt li jitkomplew l-isforzi biex tingħata ħajja ġdida lill-persunal ta' bażi tas-SEAE u biex jiġi żviluppat korp diplomatiku Ewropew permanenti u speċjalizzat permezz ta' kompetizzjonijiet miftuħa speċjalizzati u regolari, bil-għan li jirreklutaw persuni b'varjetà ta' talenti, ħiliet u potenzjal;

Qafas etiku u trasparenza

39. Jinnota li l-konformità mar-regoli u man-normi li jikkonċernaw l-imġiba etika u t-trasparenza hija essenzjali għall-istituzzjonijiet pubbliċi kollha u saħansitra aktar għas-SEAE peress li jirrappreżenta l-valuri tal-Unjoni madwar id-dinja fil-144 Delegazzjoni u Uffiċċju tiegħu; jilqa' għalhekk il-fatt li s-SEAE dan l-aħħar adotta l-"Prinċipji ta' mġiba professjonali"; iħeġġeġ lis-SEAE jkompli jorganizza sessjonijiet sistematiċi ta' taħriġ u sensibilizzazzjoni fil-qasam tal-kondotta xierqa tal-persunal kollu tiegħu;

40. Jinnota li s-SEAE qed joffri korsijiet ta' taħriġ fl-etika fil-qafas ta' Sessjonijiet ta' Merħba għal Rekluti Ġodda u bħala parti minn seminars ta' qabel l-istazzjonar għall-Ambaxxaturi tal-Unjoni; jinnota wkoll b'sodisfazzjon li l-maniġers maħtura kollha tal-Unjoni huma obbligati jsegwu kors dwar "Il-ħolqien ta' ambjent tax-xogħol mingħajr fastidju"; iħeġġeġ lis-SEAE joffri wkoll kors ġenerali dwar l-etika bħala parti mit-tħejjijiet obbligatorji għall-istazzjonar fid-Delegazzjonijiet u fl-Uffiċċji tal-Unjoni;

41. Jinnota li matul l-2021, ġew investigati ħames każijiet li jinvolvu l-persunal tas-SEAE mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) li minnhom erbgħa ngħalqu mingħajr rakkomandazzjonijiet u wieħed ingħalaq b'rakkomandazzjonijiet; jitlob lis-SEAE jipprovdi informazzjoni dwar l-implimentazzjoni ta' dawn ir-rakkomandazzjonijiet lill-awtorità ta' kwittanza;

42. Jinnota li, matul l-2021, is-SEAE ma kellu l-ebda komunikazzjoni mal-UPPE iżda li s-SEAE huwa lest jikkoopera u li inizjattiva għal Memorandum ta' Qbil possibbli bejn iż-żewġ servizzi hija f'idejn l-UPPE; jinnota li kooperazzjoni mill-qrib kemm mal-OLAF kif ukoll mal-UPPE hija importanti fi strateġija ġenerali kontra l-frodi;

43. Jilqa' l-fatt li s-SEAE jinsab fil-proċess li jaġġorna l-istrateġija tiegħu kontra l-frodi skont il-metodoloġija u l-gwida tal-2021 maħruġa mill-OLAF dwar l-istrateġiji kontra l-frodi; jilqa' l-fatt li s-SEAE qed jippjana li jiżgura li l-korsijiet ta' taħriġ ta' sensibilizzazzjoni jkollhom fil-mira l-kategoriji kollha tal-persunal; iħeġġeġ lis-SEAE jagħmel dawn il-korsijiet ta' taħriġ obbligatorji tal-inqas għall-persunal kollu li se jiġi stazzjonat barra mill-pajjiż; jitlob lis-SEAE jinforma lill-awtorità ta' kwittanza dwar l-istrateġija l-ġdida meta tkun ġiet iffinalizzata, inkluża informazzjoni dwar it-tixrid tagħha lill-persunal;

44. Jinnota li s-SEAE rċieva 16-il talba mill-Ombudsman Ewropew li 13-il każ minnhom ikkonkludew li ma seħħet l-ebda amministrazzjoni ħażina, filwaqt li ġiet identifikata amministrazzjoni ħażina f'każ wieħed u żewġ każijiet għadhom miftuħa; jinnota b'sodisfazzjon li s-SEAE huwa impenjat li jsegwi r-rakkomandazzjonijiet mill-Ombudsman fiż-żewġ każijiet li fihom l-Ombudsman ikun ħareġ tali rakkomandazzjonijiet;

45. Jistieden lis-SEAE jimmonitorja l-pożizzjonijiet tal-persunal anzjan preċedenti u tal-kapijiet tad-delegazzjonijiet, minħabba r-rwol politiku sensittiv tagħhom; jistieden lis-SEAE jirrieżamina sistematikament it-tranżizzjonijiet potenzjalment problematiċi lejn is-settur privat jew lejn organizzazzjonijiet ta' pajjiżi terzi u jkompli jimmonitorja l-okkupazzjoni ta' dawk li qabel kienu uffiċjali għolja sa tmiem il-perjodu obbligatorju ta' preklużjoni, peress li s-sitwazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess li ma jkunux ġew indirizzati jistgħu jikkompromettu l-infurzar ta' standards etiċi għolja fl-amministrazzjoni kollha tal-Unjoni;

46. Jinnota b'sodisfazzjon li għadd ta' sitwazzjonijiet li fihom il-persunal tal-missjonijiet iddikjara kunflitti ta' interess ġew ittrattati billi l-persuni inkwistjoni tneħħewlhom ċerti kompiti; jinnota b'sodisfazzjon li s-SEAE applika l-perjodu ta' preklużjoni għal tliet uffiċjali rtirati minn kuntatti professjonali ma' ex kollegi u li s-SEAE ma rċieva l-ebda lment dwar ksur ta' dan il-perjodu ta' preklużjoni;

47. Jistieden lis-SEAE jipprojbixxi lill-uffiċjali kollha li telqu mis-servizz milli jagħmlu lobbying u promozzjoni għat-tul tal-perjodu ta' rtirar;;

48. Iħeġġeġ lis-SEAE jagħti segwitu mingħajr aktar dewmien għat-tħabbira tiegħu li jadotta u jimplimenta dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni awtonomi fil-qasam tal-attivitajiet u tal-inkarigi esterni, li joħolqu bażi ġuridika *sui generis* għall-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet biex jipproteġu aħjar id-dehra u r-reputazzjoni tal-Unjoni fit-totalità tagħha;

49. Jinnota li s-SEAE ma għandux rwol dirett fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, madankollu, għandu rwol importanti fir-rigward ta' deċiżjonijiet li jikkonċernaw sanzjonijiet u n-negozjar ta' ftehimiet kummerċjali internazzjonali, li għandhom impatt regolatorju konsiderevoli; għalhekk isibha estremament rilevanti li kieku s-SEAE jkun jista' jissieħeb fir-Reġistru tat-Trasparenza tal-Unjoni abbażi ta' Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz; jistieden lis-SEAE jippubblika l-laqgħat kollha mat-tipi kollha ta' organizzazzjonijiet ta' lobbying, inklużi dawk tal-Kapijiet tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni, sabiex tittejjeb it-trasparenza;

50. Jinnota b'sodisfazzjon li ma kien hemm l-ebda każ ta' żvelar ta' informazzjoni protetta rrapportat fl-2021 u li s-SEAE japplika l-linji gwida tal-Kummissjoni dwar l-iżvelar ta' informazzjoni protetta u jagħmilhom disponibbli fuq l-intranet tas-SEAE;

51. Jitlob li jintemm l-użu ta' kumpaniji esterni li, skont il-klassifikazzjoni tal-Università ta' Yale ([1]), għadhom qed joperaw fir-Russja;

Diġitalizzazzjoni, ċibersigurtà u protezzjoni tad-*data*

52. Jinnota li meta mqabbel mal-2020, l-investiment fi proġetti u tagħmir tal-IT naqas b'6,4 % għal EUR 22 290 743, filwaqt li l-investiment għas-sigurtà żdied b'24,6 % għal EUR 5 778 000;

53. Jilqa' l-fatt li s-SEAE kompla jaġġorna u jġedded it-tagħmir tekniku matul l-2021 permezz pereżempju tal-irduppjar tal-banda tan-network biex itejjeb l-esperjenzi tat-telexogħol u tal-installazzjoni ta' aktar minn 500 faċilità tal-vidjokonferenzi installati fil-Kwartieri Ġenerali u fid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni; jilqa' wkoll il-fatt li s-SEAE ddiġitalizza għalkollox ir-riżorsi umani, il-flussi tax-xogħol amministrattivi u finanzjarji tiegħu, filwaqt li żied l-effiċjenza organizzazzjonali;

54. Jinnota li qed isir aktar u aktar importanti li titqies iċ-ċibersigurtà u jilqa' l-fatt li s-SEAE ddistribwixxa sistema ristretta ġdida tal-Unjoni fis-SEAE kollu biex jiżgura komunikazzjoni sigura fil-livell ta' klassifikazzjoni ristretta tal-Unjoni u li ttieħdu miżuri biex jiġi żgurat li l-Kummissarji Ewropej u oħrajn ikollhom il-kapaċità li jippermettu sejħiet klassifikati; jilqa' l-fatt li s-SEAE jżomm informazzjoni klassifikata ħafna f'sistemi siguri li huma kompletament iżolati minn networks oħra u mill-internet;

55. Jinnota bi tħassib li, fl-2021, is-soluzzjoni tal-Monitoraġġ tal-Inċidenti u tal-Avvenimenti tas-Sigurtà (SIEM) tas-SEAE ġġenerat aktar minn 16 000 twissija ċibernetika, li wasslu għall-identifikazzjoni ta' 236 attakk ċibernetiku reali li mhux kollha rnexxilhom fil-ksur tad-*data*; jistieden lis-SEAE jkompli jkollu enfasi qawwija fuq iċ-ċibersigurtà u t-theddid ibridu, speċjalment dak li huwa sponsorjat minn Stati barranin, u jaħdem flimkien ma' Istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni u ma' Stati Membri sabiex jidentifika tali theddid u jipproteġi kemm jista' jkun l-infrastruttura tal-Unjoni; jissottolinja li s-sensibilizzazzjoni ċibernetika u programm ta' taħriġ sistematiku għall-persunal kollu, inkluż għall-maniġment, huma elementi ewlenin f'qafas effettiv taċ-ċibersigurtà;

56. Jinnota b'sodisfazzjon li, fl-2021, il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* (EDPS) wettaq tliet spezzjonijiet dwar is-SEAE u li l-ispezzjonijiet kollha jitqiesu magħluqa mingħajr osservazzjonijiet addizzjonali;

57. Jilqa' l-fatt li s-SEAE adotta strateġija ta' hosting, li tiżgura li l-kontenut tal-operat ewlieni jibqa' fil-bini u li d-*data* tiegħu tkun fuq servers li huma direttament proprjetà tas-SEAE u kkontrollati minnu; jistieden ukoll lis-SEAE jiżgura kemm jista' jkun li d-*data* tal-Unjoni tinħażen biss f'faċilitajiet tal-UE/taż-ŻEE; jilqa' wkoll b'sodisfazzjon li s-SEAE qed ikompli jiżgura li l-informazzjoni u l-komunikazzjoni relatati mal-ipproċessar tad-*data* personali jkunu faċli biex jinftiehmu u f'konformità sħiħa mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni;

([1]) https://som.yale.edu/story/2022/over-1000-companies-have-curtailed-operations-russia-some-remain

58. Jinnota li s-SEAE qed jivvaluta soluzzjonijiet ta' sors miftuħ fuq l-istess livell ma' soluzzjonijiet ta' sors proprjetarju u qed juża serje ta' prodotti ta' sors miftuħ għall-iżviluppaturi, soluzzjonijiet ta' hosting, servers tal-applikazzjonijiet, u jidentifika u jaċċessa l-ġestjoni;

59. Jinnota b'sodisfazzjon li s-SEAE adotta politika ta' hosting u jżomm repożitorju ċentrali tas-sistemi ta' informazzjoni u tas-servizzi tekniċi kollha relatati mal-applikazzjonijiet u s-servizzi operazzjonali; jinnota wkoll li għas-sistemi ta' informazzjoni ospitati fil-bini, kemm is-sistema kif ukoll id-data tagħha huma fuq servers li huma direttament proprjetà tas-SEAE, u huma kkontrollati minnu, u li l-Uffiċjal għall-Protezzjoni tad-*Data* jiżgura li hemm fis-seħħ kontrolli sodi tal-protezzjoni tad-*data*;

Bini

60. Jinnota li s-SEAE għandu stokk ta' bini kbir u kumpless ħafna li jinkludi l-bini fil-Kwartieri Ġenerali fi Brussell, madwar 180 bini ta' uffiċini u 150 residenza ta' Ambaxxaturi tal-Unjoni madwar id-dinja; jaqbel li fi Brussell u fil-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tad-dinja fejn l-Unjoni tista' tipprevedi li żżomm ir-rappreżentanza probabbilment, fit-tul, se jsir iffrankar mis-sjieda tal-bini minflok il-kiri tiegħu;

61. Jilqa' l-fatt li s-SEAE beda jadatta l-ispazji tal-uffiċini għal modi ġodda ta' ħidma sabiex joħloq ambjenti tax-xogħol attraenti u jiżgura l-aktar użu effiċjenti mil-lat ambjentali tal-bini tiegħu; jitlob fl-istess ħin li tali żviluppi jiġu implimentati f'kooperazzjoni mill-qrib mal-persunal;

62. Jilqa' b'sodisfazzjon kbir li s-SEAE jappoġġja l-għan tan-newtralità klimatika u li s-SEAE qed jagħti prijorità lill-bini b'ċertifikazzjoni ambjentali; iħeġġeġ lis-SEAE jimplimenta wkoll miżuri ta' ffrankar enerġetiku fl-istokk tal-bini eżistenti; jilqa' l-fatt li s-SEAE diġà installa installazzjoni fotovoltajka ta' 355 m^2 fuq il-bejt tiegħu fil-Kwartieri Ġenerali u fi 18-il Delegazzjoni tal-Unjoni u jħeġġeġ lis-SEAE jespandi l-investiment tiegħu fil-pannelli solari madwar id-dinja; jitlob lis-SEAE jagħmel analiżi tal-ispejjeż u l-benefiċċji speċjalment tas-sistema installata fil-bini ġewwa Brussell bil-ħsieb li din tinqasam ma' istituzzjonijiet oħra tal-Unjoni li s'issa għadhom ma stabbilewx sistemi bħal dawn;

63. Jinnota li s-SEAE jkompli jiżgura enfasi kbira fuq is-sigurtà kemm fil-Kwartieri Ġenerali kif ukoll fid-Delegazzjonijiet u fl-Uffiċċji tal-Unjoni; jilqa' wkoll il-fatt li, minħabba s-sitwazzjoni ġeopolitika eżistenti, il-ħidma dwar il-prevenzjoni tat-theddid tal-ispjunaġġ ġiet intensifikata; jappoġġja bis-sħiħ lis-SEAE biex iżid il-miżuri ta' sikurezza tiegħu sabiex jipproteġi kemm lill-membri tal-persunal kif ukoll l-infrastruttura fiżika u diġitali minn theddid u attakki;

Ambjent u sostenibbiltà

64. Jilqa' b'sodisfazzjon kbir il-fatt li s-SEAE stabbilixxa Sistema ta' Ġestjoni Ambjentali (EMS) li għandha titjieb gradwalment u li tkopri oqsma bħall-iffrankar tal-enerġija, il-mobilità tal-persunal, il-limiti tal-emissjonijiet tas-CO_2 għall-karozzi tas-servizz, it-teknoloġija tal-informazzjoni, l-akkwist ekoloġiku u r-riċiklaġġ u s-separazzjoni tal-iskart, eċċ.;

65. Jinnota li s-SEAE adotta u implimenta inizjattivi biex jappoġġja l-mobilità sostenibbli tal-persunal tiegħu u stabbilixxa għanijiet għall-2023 għal madwar 80 % tal-persunal biex juża mezzi ta' trasport li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent; jistieden lis-SEAE jirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress li jkun sar biex jintlaħqu dawn l-għanijiet;

66. Jilqa' l-fatt li, f'Marzu 2021, is-SEAE beda l-ġbir ta' *data* ambjentali mid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni dwar il-konsum tal-enerġija u tal-ilma, il-ġenerazzjoni tal-iskart, l-ivvjaġġar lejn ix-xogħol u lura, l-offerti ekoloġiċi u l-konsum ta' materjali bħall-karta u l-fjuwil, eċċ.; iħeġġeġ lis-SEAE jkompli u jestendi din l-inizjattiva lid-Delegazzjonijiet kollha u jiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki fost id-Delegazzjonijiet;

67. Jilqa' l-fatt li s-SEAE jipparteċipa fil-helpdesk Interistituzzjonali għall-Akkwisti Pubbliċi Ekoloġiċi u li jingħata appoġġ lid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni dwar il-kriterji ambjentali għad-dokumenti tal-akkwist; jinkoraġġixxi li tali kriterji jiġu kondiviżi gradwalment fost id-Delegazzjonijiet kollha tal-Unjoni u jitlob lis-SEAE jirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar il-progress f'dan il-qasam;

Kooperazzjoni interistituzzjonali

68. Jilqa' b'sodisfazzjon li ntlaħqu ftehimiet bejn is-SEAE u l-Kummissjoni dwar l-iskambju ta' dokumenti ta' livell ristrett u li ntlaħaq qbil dwar Ftehim dwar il-Livell ta' Servizz dedikat bejn is-SEAE u kemm is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill kif ukoll il-Kummissjoni dwar il-forniment ta' sistemi ta' messaġġerija u vuċi sikuri klassifikati ħafna, li huma dejjem aktar importanti minħabba l-kuntest ġeopolitiku;

69. Jilqa' l-fatt li s-SEAE kkonkluda u ffirma Ftehim ta' Stabbiliment għad-Delegazzjoni tal-Unjoni fir-Renju Unit;

70. Jilqa' l-fatt li s-SEAE jiddikjara li għandu kooperazzjoni tajba mal-OLAF u mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) ibbażata fuq fiduċja reċiproka, b'laqgħat regolari f'diversi livelli ta' ħidma bil-għan li tiġi pprevenuta l-frodi, li jsiru investigazzjonijiet u li jkun hemm ħidma kontinwa ta' awditjar u implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet; iħeġġeġ bil-qawwa lis-SEAE jiżviluppa l-istess tip ta' fiduċja u kooperazzjoni mal-UPPE;

Kommunikazzjoni

71. Jinnota li l-baġit tas-SEAE għall-attivitajiet strateġiċi ta' komunikazzjoni u ta' diplomazija pubblika fl-2021 ammonta għal aktar minn EUR 26,17 miljun f'attivitajiet ta' komunikazzjoni ta' appoġġ fil-Kwartieri Ġenerali u fid-Delegazzjonijiet kollha tal-Unjoni;

72. Jilqa' l-fatt li l-prijoritajiet fil-komunikazzjoni jingħataw lil oqsma bħall-valuri u l-interessi tal-Unjoni, ir-rispons għall-kriżijiet internazzjonali tas-saħħa u l-azzjoni klimatika u li d-Delegazzjonijiet tal-Unjoni ffukaw fuq ġiem tematiċi bħal Jum l-Ewropa, il-Parati Pride, Jum il-Mara, il-Ġimgħa tad-Diplomazija dwar il-Klima u aktar;

73. Iħeġġeġ lis-SEAE jaħdem mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data* bil-ħsieb li juża ż-żewġ pjattaformi tal-media soċjali b'sors miftuħ, EU-Voice u EU-Video, li tnedew bħala proġett pilota pubbliku biex jippromwovi l-użu ta' networks soċjali b'xejn u b'sors miftuħ;

74. Jenfasizza li s-SEAE jaħdem mill-qrib ma' sħab indipendenti fil-media u tas-soċjetà ċivili fir-reġjun tas-Sħubija tal-Lvant biex jibni l-kapaċità tagħhom ħalli jiġġieldu l-manipulazzjoni tal-informazzjoni barranija u t-theddid ta' ndħil; jilqa' l-fatt li s-SEAE jaħdem id f'id mal-Ukrajna biex jappoġġja l-isforzi ta' komunikazzjoni strateġika tagħha fid-dawl tal-aggressjoni militari mhux ipprovokata tar-Russja biex jiġi żgurat li tiġi esposta u miġġielda l-manipulazzjoni tal-informazzjoni min-naħa tar-Russja;

75. Jistieden lis-SEAE jsaħħaħ id-Delegazzjonijiet tal-Unjoni fil-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant; jissottolinja l-ħtieġa li jiġu assistiti l-pajjiżi tas-Sħubija tal-Lvant li qed ibatu mill-aggressjoni militari tar-Russja fuq l-Ukrajna u li l-politiki tal-Unjoni jiġu kkomunikati b'mod aktar effettiv liċ-ċittadini tagħhom;

76. Jilqa' b'sodisfazzjon kbir il-fatt li s-SEAE investa b'mod sinifikanti fit-tisħiħ u fil-bini tar-reżiljenza għall-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni u l-indħil barrani fl-affarijiet tal-Unjoni, inkluż permezz ta' riorganizzazzjoni tad-Diviżjoni tal-Komunikazzjonijiet Strateġiċi fl-2021, billi żied it-timijiet li jiffukaw fuq iċ-Ċina, ir-reklutaġġ ta' 27 Uffiċjal tal-Komunikazzjoni Strateġika bbażati fid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni u l-istabbiliment ta' Ċentri tal-Kondiviżjoni u tal-Analiżi tal-Informazzjoni madwar l-Unjoni sabiex is-SEAE jkun jista' jindirizza aħjar il-manipulazzjoni u l-interferenza tal-informazzjoni; jisħaq li s-SEAE huwa l-istituzzjoni ewlenija tal-Unjoni responsabbli għall-ġlieda kontra l-indħil barrani;

77. Jistieden għal darb'oħra lis-SEAE biex isaħħaħ ir-rwol tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni f'pajjiżi terzi sabiex tissaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jikxfu kampanji ta' diżinformazzjoni orkestrati minn atturi statali barranin li jheddu l-valuri demokratiċi; jistieden, barra minn hekk, lis-SEAE jsaħħaħ l-impenn tad-Delegazzjonijiet tal-Unjoni fil-viċinat tagħna u fil-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent sabiex jappoġġja politika tal-komunikazzjoni aktar attiva u effettiva dwar il-perspettiva Ewropea u jipprovdi l-aħjar assistenza possibbli lill-pajjiżi involuti f'riformi favur id-demokrazija u favur l-Ewropa; jistieden lid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni jkomplu bl-isforzi koordinati tagħhom biex iżidu l-viżibbiltà tal-proġetti ffinanzjati mill-Unjoni;

78. Jinnota bi tħassib id-dikjarazzjoni tar-Rappreżentant Għoli matul il-Konferenza Annwali 2022 tal-Ambaxxaturi tal-UE, meta ddikjara li r-rapporti mid-delegazzjonijiet tal-Unjoni ġew tard wisq u li kien infurmat aħjar mill-mezzi tax-xandir; jistieden lis-SEAE jirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar in-nuqqasijiet li ġew identifikati u l-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex jiġu indirizzati dawk in-nuqqasijiet;

79. Iħeġġeġ lid-delegazzjonijiet tal-Unjoni jippromwovu l-atturi lokali, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u s-sħab soċjali fil-pajjiżi terzi, u jikkollaboraw magħhom, biex jiġi stimolat id-djalogu soċjali u d-djalogu dwar l-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali u l-ġlieda kontra l-korruzzjoni; jitlob lid-delegazzjonijiet tal-Unjoni jimmonitorjaw mill-qrib l-istat tad-demokrazija fid-diversi pajjiżi u jagħtu appoġġ loġistiku u teknoloġiku lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem u tal-popli indiġeni, b'mod partikolari lin-nisa; jistieden lid-delegazzjonijiet tal-Unjoni jkomplu bl-isforzi koordinati tagħhom biex iżidu l-viżibbiltà tal-proġetti ffinanzjati mill-Unjoni, b'mod partikolari fil-pajjiżi kandidati.